Dar Ta' Pupa.
by
Manuel [illegible]
25th 27th 28th January

1732 1960

# Manoel Theatre

# TEATRU MANOEL

## GHAQDA DRAMMATIKA TEATRU MANOEL

*TIPPREŻENTA*

# DAR TA' PUPA

(A DOLL'S HOUSE)

TA'

## HENRIK IBSEN

***MAQLUB GĦALL-MALTI***

***MINN***

Dr. ANTON CALLEJA

**IL-ĦAMIS, 25 ta' MEJJU, 1967, fis-7 p.m.**

**IS-SIBT, 27 ta' MEJJU, 1967, fis-8.30 p.m.**

**IL-ĦADD, 28 ta' MEJJU, 1967, fis-6.30 p.m.**



HENRIK IBSEN

# HENRIK IBSEN

Id-dramm ta' Henrik Ibsen "DAR TA' PUPA" mhix play femminista kif jiddeduċu wisq ħażin mill-isem tagħha, dawk kollha li qatt ma qrawha jew rawha; hija ma tittrattax fuq l-emanċipazzjoni tal-mara fis-soċjetà, xejn affattu!

F'din il-play, miktuba fl-1879, insibu żewġ drammi kbar: l-ewwel wieħed dak ta' Nora li wara bosta snin miżżewġa, tinduna li kienet għexet il-ħin kollu ma bniedem li qatt ma għaraf x'inhija; u t-tieni dramm huwa ta' żewġha Torvald Helmer li għalih dnub kontra s-soċjetà huwa akbar minn dnub kontra l-imħabba u l-familja.

Ibsen b'dan id-dramm tiegħu kkritika bl-aħrax il-liġijiet tad-dinja u ċerti fehmiet tas-soċjetà; b'din il-play huwa qanqal ferment kbir fl-Ewropa kollha u ssokta jqanqal aktar ferment bl-istess teżi li żamm b'qawwa akbar fid-dramm l-ieħor tiegħu GHOSTS — SPETTRI. Il-kritika kienet qawwija u d-drammaturgu norveġiż wieġeb għall-kritika mhux b'polemika fuq il-ġurnali, iżda bi dramm ieħor "An Enemy of the People" — "Il nemico del Popolo"., li fih wera d-deni kbir li jagħmlu lis-soċjetà dawk kollha li jaħbu il-mard tagħhom.

Ibsen twieled fi Skien, Norvegia, fl-20 ta' Marzu, 1828, u miet fl-1906; bid-drammi poderużi tiegħu għadda ħajja mqanqla jeħodha kontra għamil u fehmiet ħżiena u liġijiet għalih immorali. Id-drammi tiegħu kienu maqluba b'bosta ilsna u baqgħu u għadhom isiru sal-lum mhux biss għaliex sbieħ u perfetti teknikament, iżda għaliex fihom huwa kkritika u jsostni teżijiet li għadhom ħajjin wara sittin sena.



R. V. ABDILLA

# DAR TA' PUPA

*(A DOLL'S HOUSE)*

## by HENRIK IBSEN

### *SYNOPSIS*

Torvald Helmer has been married for eight years to Nora, who, although has proved herself a good wife and a devoted mother to their three children, yet has always been considered by her husband as a charming and extravagant plaything.

One Christmas eve, an old friend of Nora, Christine Linde, appears on the scene by paying a visit to the Helmers. During an intimate conversation with her best friend, Nora reveals to her that, soon after her marriage, she had borrowed a large sumof money from Krogstad, a money-lender, so that her husband could spend a year in Italy to regain his health. It was generally believed, at the time, that Nora had procured the money from her father whilst actually to obtain the loan, she had forged her father's signature on a document promising payment to Krogstad.

With the passing of time, Torvald has become the manager of the Bank where Krogstad is now employed. Torvald detests Krogstad and in order to dismiss him from the bank, offers his post to Christine Krogstad becomes aware of this and threatens to expose Nora's forgery unless she intercedes with her husband to have him reinstated.

Nora discards Krogstad's threats as she is confident of her husband's love and understanding. However, she is bitterly disillusioned by her husband's behaviour when he receives a letter from Krogstad denouncing her as a forgerer.

A new development changes this awkward situation. Christine who was once engaged to Krogstad, promises to marry him. Krogstad is so pleased with this news that he repents by writing a letter to Nora returning, at the same time, the promissory note.

Torvald, satisfied now that the scandal is to remain a secret, forgets all the harsh words he has said to his wife and tries to make amends by telling Nora that between them everything is normal once more. But Nora is now fully aware of the real motive underlying her husband's attempt at reconciliation and, tired of being treated as a plaything, she decides to desert him in order to live a life on her own.



**VANNI RIOLO**

Ħadem għadd ta' drammi u kummiedji kemm bħala attur, kif ukoll bħala producer. Din l-attivita' fuq il-palk għenitu mhux ftit biex jaqta' figura tajba fil-parti ta' Piali fil-film "Treasure in Malta". Imfittex l-aktar għal partijiet diffiċli, huwa wkoll attur u producer ta' radjudrammi. Fl-aħħar tliet konkorsi ta' Drama bil-Malti, Riolo rebaħ il-premju ta' l-aħjar producer darbtejn, kif ukoll il-premju tal-aħjar attur.



**ROSE M. RIOLO**

Il-mara ta' Vanni, bdiet tirreċta mal-M.U.T. Drama Players u wara mal-Malta Drama League. Matul il-karriera tagħha, hija ħadmet diversi partijiet kemm fuq il-palk kif ukoll fuq ir-Rediffusion. Iżda l-iżjed li għamlitilha unur u li fiha tat xhieda talqawwa tagħha bħala attriċi, hija l-parti ta' Liza Bergmann fit-Thriller bi tlett atti "Bejn Erba' Ħitan".



**ANTOINETTE SOLER**

Bdiet il-karriera tagħha ma Watty Cachia fl-1959 u malajr imxiet il-quddiem tant li fil-konkors tal-Malta Drama League is-sena ta' wara ġiet dikjarata l-aħjar attriċi. Fl-1964 ingħaqdet ma Nosi Ghirlando fir-RIBALTA u ħadmet il-parti ewlenija "f'Bukkett Ward Aħmar", "Żjara Minn Spettur", "Hekk Sejra", "Aħna li Nibqgħu Wara" u oħrajn. Antoinette Soler kompliet kkonfermat il-ħila u l-versalita tagħha fl-"Ewwel Jien" ta' Ġuże Diacono, f'Boulevard ta' F. Ebejjer u fil-Wuthering Heights (minnha tradotta) meta ħadmet żewġ partijiet differenti fl-istess play b'suċċess kbir. Hija ħadmet sehem ukoll fi plays mal-M.A.D.C. u l-B.I. Players. Antoinette Soler għamlet isem kemm fuq ir-Rediffusion kif ukoll fuq l-M.T.V



**MARY CACHIA CAMILLERI**

Ħolqot isem bħala attriċi ta' karattru fit-tmintax-il sena li ilha tidher fil-palk Malti. Bosta għadhom jiftakruha fid-"Due Orfanelle" kif ukoll "F'Madama X" u fid-"Dell tad-Destin". Tidher ukoll ta' spiss fuq l-M.T.V. u tinstama' sikwit fuq ir-Rediffusion fir-Radjudrammi.



**TWANNY SCALPELLO**

Maħbub u magħruf minn kulħadd għamel isem għalih fid-drammi li ħa sehem fihom bħal "An Inspector Calls", "Jane Eyre", "La Nemica", "Bukkett Ward Aħmar", "Erwieħ Marbuta", "L-Ombra", "The Late Edwina Black", u "Wuthering Heights". Fil-milja talkarriera tiegħu narawh f'bidu mal-Kumpanija Cachia-Ghirlando u wara mar-Ribalta kif ukoll barra attur, producer ta' drammi u radjudrammi.



**CHARLES BUSUTTIL**

Deher l-ewwel darba fuq il-palk fl-Oratorju ta' Birkirkara mnejn fis-sengħa tiegħu drammatika kiseb isem sabiħ u baqa' jieħu sehem mal-Gioventu' Cattolica f'kull rappreżentazzjoni li taw fl-Istitut Kattoliku dawn l-aħħar sitt snin. M'ilux ukoll deher fuq it-T.V. fl-Aħħar Ċena" u fit-Tijatru Manoel fl-"Għanja ta' l-Imnikket" u "Qatt Taqta' Qalbek".



**ANTOINETTE MUSCAT**

Mħarrġa tajjeb fl-Arti Drammatika minn Dr. R. V. Abdilla rajnieha l-ewwel darba f'Mejju tal-1965 fl-Istitut Kattoliku meta l-istudenti tal-Għaqda tal-Arti, Manifattura u Kummerċ tawna "Ir-Rabta ta' L-Imħabba". Illum ser tidher għall-ewwel darba fil-Manoel fil-parti ta' Helen.

# DAR TA' PUPA

Dramm fi Tliet Atti ta'

**HENRIK IBSEN**

*Maqlub għall-Malti minn Dr. ANTON CALLEJA*

## Persunaġġi:-

| | | |
|---|---|---|
| *Torvald Helmer* | | TWANNY SCALPELLO |
| *Nora* | | ANTOINETTE SOLER |
| *Dr. Rank* | | CHARLES BUSUTTIL |
| *Nils Krogstad* | | VANNI RIOLO |
| *Kristine Linde* | | ROSE M. RIOLO |
| *Anne* | | MARY CACHIA CAMILLERI |
| *Helen* | | ANTOINETTE MUSCAT |
| *Raġel* | | TONY STROUD |
| *Ivar* | Tfal ta' Nora | SANCIO DeCARLO |
| *Bob* | Tfal ta' Nora | LAWRENCE LAIVIERA |
| *Emmy* | Tfal ta' Nora | MARISA BUHAGIAR |

| | |
|---|---|
| *Stage Managers* | VICTOR SOLER, TONY STROUD |
| *Stage Decor* | TONY PACE |
| *Make-up* | TONY GALEA |
| *Costumes* | LINA GALEA |
| *Choreography* | MYRIAM MUSCAT MANDUCA |
| *Lights* | FRANS CILIA |
| *Makkinista* | J. BORG |
| *Assistenti* | E. DALLI, F. MIFSUD |

*Produzzjoni ta' R. V. ABDILLA*

### *XENA*

Salott fid-Dar ta' Nora, fin-Norveġja.

### *L-EWWEL ATT*

Lejlet il-Milied — fil-Għodu.

### *IT-TIENI ATT*

Il-Milied — Wara Nofs Inhar għal fil-Għaxija.

### *IT-TIELET ATT*

L-Għada — Fil-Għaxija

## SOTTO-KUMITAT GĦAQDA DRAMMATIKA TEATRU MANOEL

Dr. VICTOR A. MERCIECA, LL.D.
*President*

Mr. A. AGIUS FERRANTE, L.P.
*Teżorier*

Mrs. INES BONELLO CASHA
*Segretarja*

Dr. R. V. ABDILLA, B.A., LL.D., Dip. Adm. (N.W.) U.S.A.
Mr. G. MUSCAT AZZOPARDI
Mr. E. S. TONNA, M.B.E.
*Membri*

## MANOEL THEATRE MANAGEMENT COMMITTEE

Colonel G. C. GATT — *Chairman.*

Dr VICTOR A. MERCIECA, LL.D. — *Hon. Treasurer.*

Mr A AGIUS FERRANTE, L.P. — *Hon. Secretary.*

Mrs. INES BONELLO CASHA — *Member.*

Notary Dr. V.M. PELLEGRINI, LL.D. — *Member.*

Mr. MICHAEL KISSAUN — *Manager.*

## FORTHCOMING EVENTS

TANYA BALLET STUDIO — "Ballet Performances" — 3rd and 4th June, 1967

Late comers will not be admitted to the Auditorium.

*Smoking is not permitted in the Auditorium, in Boxes, or in the Gallery.*

The Management reserve the right to vary or omit any part of the programme without previous notice.

*Patrons are reminded that the taking of photographs during the performance is not allowed.*

Children, even when accompanied by their parents, will be required to occupy individual Seats.


**BROOKE BOND**
**TEA YOU CAN REALLY TASTE**
**P.G. TIPS**




*Agents:*

**GUSTAVUS PULIS**

163D/164, STRAIT STREET — VALLETTA

*Dial* 28131



*HAMILTON*
*pan-europ*

For exclusive designs
For distinctive styling
For matchless quality

Fine
HAMILTON
watches from Switzerland

*Sole Agents:-*
EMM. PACE & CO. LTD.
78, ST. MARY STREET, SLIEMA — Dial 34575

# The best thing about this glass of water



# is the amount of room left for




TRADE ENQUIRIES

DIAL 24109



# GREAT NEW DRINK HERE NOW




# FANTA ORANGE

## tastes so good... it's fun to be thirsty!




Here it is! The best orange drink you have ever tasted... Fanta Orange... with real orange flavour in every single sip, sunshine goodness in every golden drop! It's the fun way, the one way to really quench your thirst.
Now! Drink delicious Fanta Orange!

BOTTLED UNDER AUTHORITY OF THE COCA-COLA COMPANY BY
**GEORGE SPITERI LTD · MDINA ROAD · QORMI**
*Telephone Central 24791*